MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 173/2011

**Malta Enterprise**

**Vs**

**Mark Caligari u Affordable Homes Limited**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fit-22 ta’ Frar 2011, l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti s-somma ta’ tnax-il elf erbgha mija u sebgha u sebghin ewro u tnejn u hamsin centezmu (€12,477.52), rimbors ghall-ghajnuna finanzjarja li nghatat taht l-inizjattiva Ewropea msejha EQUAL li giet introdotta mill-Fond Socjali Ewropew, ghall-ftuh ta’ negozji. L-attrici ssostni li l-konvenuti naqsu milli josservaw il-kondizzjonijiet imposti fl-ghoti ta’ din l-ghajnuna, u ghalhekk kellhom ihallsu lura

l-flus li nghataw. L-attrici talbet ukoll li l-kawza tinstema' bil-procediment sommarju specjali.

Permezz ta' sentenza li nghatat fit-28 ta' Gunju 2011 il-qorti kkundannat lill-kumpannija konvenuta thallas is-somma ta' €12,477.52, rifuzjoni tal-ghajuna finanzjarja li nghatat.

Fadal issa t-talba fil-konfront ta' Mark Caligari, li fit-twegiba guramentata[1] qieghed isostni li:-

1. M'huwiex il-legittimu kontradittur billi ma talab u ma rcieva l-ebda ghajnuna finanzjarja minghand l-attrici.
2. Maryanne Vella u Brian Delicata ghandhom jaghtu prova tal-kapacita' legali biex jirraprezentaw lill-attrici.
3. Fil-meritu t-talbiet attrici huma diskriminatorji peress li f'kazijiet ohra fejn hemm diffikultajiet genwini, l-attrici ma insistitx ghar-rimbors tal-ghajnuna.

Wara li l-qorti semghet ix-xhieda, semghet it-trattazzjoni tad-difensuri u rat l-atti, taqbel mat-tezi ta' dan il-konvenut in kwantu:-

i. L-applikazzjoni ghall-ghoti tal-ghajnuna finanzjarja saret minn Affordable Homes Ltd (fol. 4). Fil-fatt fil-parti *"Applicant Details" jinghad: "AFFORDABLE HOMES LTD (M. Caligari)."*. Fl-istess applikazzjoni jinghad: *"Xouxine Shoe Shop, to be operated by Affordable Homes Ltd, is planned to be a shoe shop with a difference."*. Fl-applikazzjoni inghata wkoll in-numru tal-VAT tal-kumpannija.
ii. Fil-business plan prezentat lill-attrici b'riferenza ghall-ftuh ta' hanut Xouxine Shoe Shop, jinghad car u tond *"I, Mark Caligari, am the majortiy shareholder and director of a currently non-trading company registered under the name of Affordable Homes Ltd."*. Hu altru milli evidenti li n-negozju kellu jkun tal-kumpannija.
iii. Hu veru li l-letter of intent datata 24 ta' Awissu 2007 (fol. 7) hi ndirizzata lil Mark Caligari u giet iffirmatu

---
[1] Fis-seduta tat-28/6/2011 Caligari nghata l-fakolta li jipprezenta risposta guramentata.

minnu, u ma tissemmix il-kumpannija konvenuta. Madankollu taht ismu hemm il-kliem Managing Director. Kariga li persuna tokkupa f'kumpannija jew xi organizazzjoni. Jinghad ukoll li *"the person signing should be duly authorised to do so on behalf of the enterprise."*. Dan ikompli jsahhah il-fehma tal-qorti li Caligari kien qieghed jiffirma ghan-nom tal-kumpannija konvenuta u mhux f'ismu personali. Inoltre l-letter of intent inharget b'riferenza ghall-applikazzjoni li kienet saret ghall-ghoti ta' ghajnuna taht il-European Social Fund, tant hu hekk li jinghad:- *"We refer to your application to Malta Enterprise Corporation (herinafter referred to as Malta Enterprise") for assistance under the European Social Fund....."*. Mill-applikazzjoni stess hu evidenti li l-applikazzjoni ma kenitx ta' Mark Caligari imma ta' Affordable Homes Limited.

iv. Hu mmaterjali li l-flus gew depozitati f'kont bankarju personali ta' Mark Caligari. L-ghotja nghatat lil Affordable Homes Limited, u dan kien car mill-bidunett. L-azzjoni hi bazata fuq inadempjenza tal-kondizzjonijiet mposti permezz tal-letter of intent, peress li n-negozju baqa' ma nfetahx fil-perjodu li jissemma fl-istess dokument. Mill-provi rrizulta li Caligari m'ghandu l-ebda relazzjoni kuntrattwali mal-Malta Enterprise.

v. L-ispejjez saru proprju in konnessjoni man-negozju ta' Affordable Homes Limited. Ghalhekk hi kienet il-beneficjarja tal-ghajnuna, u hi trid twiegeb ghal kwalsiasi talba ta' rimbors tal-ghajnuna finanzjarja li nghatat.

Il-qorti ma tistax tonqos milli tosserva li diga' hemm sentenza kontra Affordable Homes Limited, u li jidher li ghaddiet in gudikat. Ma jirrizultax li l-ghajnuna finanzjarja oggett ta' dawn il-proceduri nghatat lil tnejn min-nies jew li Caligari obbliga ruhu solidalment ma' Affordable Homes Limited. Jekk l-ghajnuna nghatat lil Caligari, ma kienx ikun hemm htiega li titharrek Affordable Homes Limited u li l-attrici tinsisti li tinghata sentenza kontra din l-istess kumpannija.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Caligari, tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju. Spejjez a karigu tal-attrici.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------